**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA SEKONDARJA 2006**
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| FORM 4 | STUDJI SOĊJALI | ĦIN: SIEGĦA U NOFS |
|---|---|---|

**Isem :** ______________________________________ **Klassi :** ______________________

## TAQSIMA A

**Imla l-vojt b'dawn il-kliem:**

soċjalizzazzjoni; valuri; dritt; dmir; kontroll soċjali; stratifikazzjoni; normi; kostituzzjoni; settur primarju; fundamentalizmu;

1) Il-liġijiet u l-pulizija u l-qrati qegħdin hemm biex fil-pajjiż jinżamm il- ___________________.

2) Fanatiċiżmu politiku jissejjaħ parteġjaniżmu filwaqt li dak reliġjuż insejħulu ______________________________.

3) Il- proċess ta' tagħlim li kull persuna trid tgħaddi minnu insejħulha ___________________.

4) L-ogħla liġi ta' pajjiż bħal Malta hi l- _________________________________.

5) Il-biedja, sajd u kull xogħol li jiddependi fuq in-natura jaqa taħt dak tas- __________________________________________.

6) L-eżistenza ta' klassijiet soċjali turi l-inugwaljanza fis-soċjetà u tissejjaħ __________________________.

7) ________________________ huma prinċipji li jigwidawna fit-tajjeb u l-ħażin fil-ħajja.

8) Dak li kull ċittadin jista jippretendi mis-soċjetà huwa d-_______________ tiegħu filwaqt li dak li għandu jagħmel hu d-_______________ tiegħu.

9) Regoli ta' mġieba li kull persuna mistennija ssegwi mis-soċjetà jissejħu ______________.

**10 marki**

## Taqsima B

Il-poeta Ingliż John Donne kien stqarr : "L-ebda bniedem m'hu gżira (no man is an island)". Ir-relazzjoni ma' bnedmin oħra hija l-ħobż tal-ħajja tal-bniedem. Aħna nikbru u niżviluppaw frott ta' kemm u kif nagħmluha ma' ħaddieħor.

Silta meħuda minn 'Ninvestigaw is-soċjetà'

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet:**

1) X'nifhmu meta ngħidu proċess ta' soċjalizzazzjoni? ____________________

____________________

____________________

2) Min huma l-aġenti primarji ta' dan il-proċess? ____________________

____________________

____________________

3) X'nitgħallmu permess ta' dan il-proċess? ____________________

____________________

____________________

4) Għaliex ngħidu li dan il-proċess joffri l-ewwel forma ta' kontroll soċjali? ____________________

____________________

____________________

5) Li bniedem iħossu parti mis-soċjetà hu importanti – għaliex? ____________________

____________________

____________________

**(5 x 3 marki)**
**15-il marka**

## Taqsima Ċ

Fl-10 ta' Diċembru 1948 il-Ġnus Magħquda ħarġet id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem. Skond din id-dikjarazzjoni dawn id-drittijiet jappartjenu għall-popli kollha u huma meqjusa bħala drittijiet naturali; wieħed ma jixtrix dawn id-drittijiet u lanqas ma' jirithom, u ħadd ma' għandu d-dritt li jiċħad lil ħaddieħor minn dawn id-drittijiet.

Silta meħuda minn 'Saħħa fid-Diversità'

**Irrispondi l-mistoqsijiet li ġejjiin u fejn hemm bżonn agħti eżempji.**

1) Uri billi tagħti żewġ (**2**) eżempji li taf x'inhu dritt tal-bniedem. ________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

**2 marki**

2) Ma' kull dritt ġeneralment hemm marbut dmir – agħti żewġ (**2**) eżempji ta' dmirijiet u drittijiet marbuta magħhom.

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

**2 marki**

3) X'nifhmu bil-kelma 'universali' fis-silta? ___________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

**2 marki**

4) Ikteb madwar ħames linji dwar l-għaqda tal-Ġnus Magħquda u x-xogħol siwi li din twettaq.

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

**5 marki**

5) Din id-dikjarazzjoni nħarġet biex kulħadd jiġi stmat indaqs u bla diskriminazzjoni. Taħseb li dan l-għan qed jiġi imwettaq ma' kull persuna tad-dinja? Uri b'eżempji.

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

**4 marki**
**Total 15-il marka**

**Taqsima D**

Grupp li jkun f'minoranza huwa dak il-grupp li l-membri tiegħu m'għandhomx il-kontroll u l-anqas il-poter fuq il-ħajja tagħhom minħabba xi grupp jew gruppi li jkunu dominanti.

Minn 'Saħħa fid-diversità'

1) X'nifhmu bil-kelma razziżmu – ma' min issir din il-forma ta' diskriminazzjoni?

______________________________

______________________________

**2 marki**

2) X'nifhmu bi grupp ta' minoranza? Agħti żewġ (**2**) eżempji ta' dawn il-gruppi.

______________________________

______________________________

**2 marki**

3) Xi tfisser U.N.H.C.R. u għid favur liema grupp taħdem din l-għaqda.

______________________________

______________________________

______________________________

**3 marki**

4) Min hu rifuġjat? Semmi xi problemi li taħseb li dawn in-nies qed iħabbtu wiċċhom magħhom f'pajjiżna.

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

**4 marki**

5) Agħti żewġ (**2**) eżempji ta' nies b'diżabilità u għid x'problemi dawn jista' jkollhom fis-soċjetà.

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

**4 marki**

**Total 15-il marka**

**<u>Taqsima E</u>**

Fil-Kurrikulu Minimu Nazzjonali maħruġ mid-dipartiment tal-edukazzjoni nisimgħu l-kelma inklużjoni ħafna drabi.

1) Xi tfisser il-kelma inklużjoni? ______________________________

______________________________

**2 marki**

2) Dwar min qed nitkellmu meta nsemmu l-inklużjoni? Uri b'eżempji. ____________

______________________________

**2 marki**

3) Din il-kelma fis-sistema edukattiva biss għandha tintuża? ____________

______________________________

**2 marki**

4) X'introduċa d-dipartiment fl-iskejjel biex tkun verament qed titħaddem l-inklużjoni? Semmi żewġ (**2**) inizjattivi li saru biex dan isir possibbli. ____________

______________________________

______________________________

______________________________

**4 marki**

5) Għaliex l-inklużjoni titqies ta' ġid mhux biss għall-individwu iżda wkoll għas-soċjetà. Spjega. ____________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

**5 marki**
**Total 15-il marka**

## Taqsima F

**Għażel wieħed minn dawn li ġejjin u ikteb madwar *250* kelma dwaru:**

1) Il-familja hi l-aġent primarju tas-soċjalizzazzjoni. Iddiskuti.

2) Il-kultura tagħtina l-identità tagħna bħala Maltin. Elabora dwar dan.

3) "Ix-xogħol importanti għall-individwu, il-familja tiegħu u s-soċjetà". Spjega għala ngħidu hekk.

4) Ir-rifuġjati jħabbtu wiċċhom ma' ħafna problemi fil-pajjiżi li jaslu fihom – ikteb dwar il-ħajja ta' rifuġjat f'pajjiż ġdid.

**30 marka**